**ABBOZZ TA' LIĠI**
**imsejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika sabiex ċittadini barranin ikunu eliġibbli għall-għoti tad-dekorazzjoni "Midalja għall-Qlubija" u biex ikompli jipprovdi għall-mod kif tintemm is-sħubija onorarja fix-Xirka jew fl-Ordni jew iż-żamma ta' midalja mogħtija skont l-Att fuq bażi onorarja.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: -

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 251.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

"(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-"Midalja għall-Qlubija" tista' tingħata fuq bażi onorarja lil kull ċittadin ta' pajjiż barra minn Malta għal xi egħmil ta' qlubija eċċezzjonali li jkun jixraqlu rikonoxximent minn Malta".

**3.** L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

(a) Is-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) u minnufih wara s-subartikolu (1) għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Persuna ttemm is-sħubija tagħha fuq bażi onorarja fix-Xirka jew fl-Ordni, jew iż-żamma ta' midalja fuq bażi onorarja mogħtija bis-saħħa ta' dan l-Att meta:

(a) hija tmut;

(b) hija tavża lill-Gvern ta' Malta illi hija ma tixtieqx tkompli tkun membru onorarju tax-Xirka jew tal-Ordni jew bl-għoti lura tal-midalja. It-temm jibda jseħħ mill-jum meta l-avviż tar-riżenja mix-Xirka jew mill-Ordni jasal għand il-Kanċillier tax-Xirka jew tal-Ordni, jew il-midalja tingħata lura lis-Segretarju tal-Kabinett;

(ċ) jekk il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru mogħti wara li jkun ikkonsulta lill-Kap tal-Oppożizzjoni, jtemm il-ħatra onorarja fix-Xirka jew fl-Ordni jew jirtira l-għoti tal-midalja għar-raġuni illi, skont il-fehma espressa fl-imsemmi parir, minħabba l-imġieba tal-persuna hija ma jkunx jixirqilha li tkompli tkun imsieħba fix-Xirka jew fl-Ordni jew li tkompli żżomm midalja jew illi ma jkunx għadu xieraq illi tkompli fis-seħħ il-ħatra onorarja fix-Xirka jew fl-Ordni jew l-għoti tal-midalja.

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1)" għandhom jidħlu l-kliem "jew skont il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (2)".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex ċittadini barranin jkunu eliġibbli għall-għoti tad-dekorazzjoni "Midalja għall-Qlubija" u biex ikompli jipprovdi għall-mod kif tintemm is-sħubija onorarja fix-Xirka jew fl-Ordni jew iż-żamma ta' midalja mogħtija skont l-Att fuq bażi onorarja.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Ġieħ ir-Repubblika Act to allow foreign citizens to be eligible for the conferment of the decoration "Midalja għal Qlubija" and to further provide for the method of termination of honorary membership in the Xirka or the Order or of the holding of a medal in an honorary capacity under the Act.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:–

**1.** The short title of this Act is the *Ġieħ ir-Repubblika* (Amendment) Act, 2011 and it shall be read and construed as one with the *Ġieħ ir-Repubblika* Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Short title.

Cap. 251.

**2.** Immediately after sub-article (2) of article 10 of the principal Act there shall be added the following new sub-article:

Amendment of article 10 of the principal Act.

"(3) Notwithstanding the provisions of sub-article (1), the *Midalja għall-Qlubija* may be awarded on an honorary basis to any citizen of a country other than Malta for an act of exceptional bravery that merits recognition by Malta.".

**3.** Article 23 of the principal Act shall be amended as follows:

Amendment of article 23 of the principal Act.

(a) Sub-Article (2) thereof shall be re-numbered as sub-article (3) and immediately after sub-article (1) there shall be added the following new sub-article:

"(2) A person shall cease to be an honorary member of the *Xirka* or of the Order, or to be the holder on an honorary basis of a medal awarded under this Act upon:

(a) his or her death;

(b) his or her notifying the Government of Malta that he or she no longer wishes to continue to be an honorary member of the *Xirka* or the Order, or by the return of the medal. The cessation shall take effect from the date on which the notification is received by the Chancellor of the *Xirka* or the Order, or the medal is returned to the Secretary to the Cabinet;

(c) if the President of Malta, on the advice of the Prime Minister given after he has consulted the Leader of the Opposition, terminates the honorary appointment to the *Xirka* or to the Order or withdraws the award of a medal on the grounds that the conduct of the person has, according to the opinion given in the said advice, made him unworthy of continuing to be a member of the *Xirka* or the Order or the holder of a medal or that it is no longer proper to keep the honorary appointment to the *Xirka* or to the Order or the award of the medal in force."

(b) in sub-article (3) thereof, as re-numbered immediately after the words "subarticle (1)(b) and (c)" there shall be added the words "or of subarticle (2) (b) and (c)".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to allow foreign citizens to be eligible for the conferment of the decoration *Midalja għal Qlubija* and to further provide for the method of termination of honorary membership in the *Xirka* or the Order or of the holding of a medal in an honorary capacity under the Act.